MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. VINCENT GALEA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 995/2011

**SOCJETA 360 FOOD IMPORT LIMITED**

**vs**

**Jesmond TONNA**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa fl-24 ta’ Novembru, 2011 u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet il-hlas, minghand il-konvenut, tas-somma ta’ tlett mija u erbgha euro u dsatax-il centezmu ta’ euro (€304.19) u dan wara li ppremettiet hekk:

“Thallas is-somma ta’ Euro304.19 (tliet mija u erbgha euro u dsatax-il euro centesmi) jew somma verjuri, rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta’ Ottubru 2011 u tal-ittra legali tat-30 ta’ Marzu, 2011 u bl-imghax

tat-8% fuq Euro304.19 mid-19 ta' Ottubru, 2011 sal-hlas effettiv, u inkluz Euro 23.30 – konsult, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-30 ta' Marzu, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar il-25 ta' Mejju, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u erbgha euro u dsatax-il centezmu ta' euro (€304.19), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------